MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Avviz Numru. 407/2007

**Albert FS Manduca Limited (C247)**

**Vs**

**Marco Muscat u Maze Entertainments Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta’ Mejju 2007, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erba` mija u sebgha Euro u disgha u ghoxrin Euro centezmi (€407.29) ekwivalenti ghal mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm174.85) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-interessi u bl-ispejjes.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici pprezentata fis-seduta tat-3 ta’ Marzu 2008 li permezz taghha l-istess socjeta` attrici cediet l-atti fil-konfront tal-konvenut Marco Muscat, izda zammet ferm fil-konfront tas-socjeta` konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jippronunzja ruhu fir-rigward tal-konvenut Marco Muscat in kwantu l-atti gew ceduti fil-konfront tieghu, jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba` mija u sebgha Euro u disgha u ghoxrin Euro centezmi (€407.29) ekwivalenti ghal mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm174.85), bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------